MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 26/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezrin Grixti)**
**Vs**

**Marius Magri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-13 t’Ottubru, 2002 u tlett xhur qabel, gewwa Hal-Qormi u bnadi ohra f’Malta, f’hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza w dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Jannar, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(I) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija w ghall-multa ta’ mitejn lira Maltija (LM200) liema multa ghandha tithallas b’rati mensili ta’ LM20 u, fin-nuqqas ta’ pagament wiehed, il-bilanc jithallas f’daqqa. L-ewwel pagament ghandu jsehh fi zmien erba’ gimghat mid-data ta’ din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponent hati tal-imputazzjoni ta’ pussess tar-raza tal-cannabis thassarha w tirrevokaha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-pussess f’cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati w konsegwentement tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe’ :- Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi bil-konsegwenti enuncjazzjoni w applikazzjoni inkompleta tal-ligi. L-ewwel Qorti sostniet illi essenzjalment kienet qed issib htija fl-appellant ta’ pussess aggravat stante li l-appellant ma kienx konsistenti fil-versjoni tieghu. Minnhabba f’hekk deherilha li ma kellhiex taccetta l-versjoni tal-appellant illi hu kien ferm dipendenti fuq id-droga w li kien ilu johodha mill-1972 u dwar dan kellha tara ssibx konfort fl-istatistika. Illi pero’ l-cannabis u l-uzu taghha ilu jezisti minn hafna qabel l-1972 tant li l-legislatur sa mill-1939 hass il-htiega li jillegizla dwar dan l-abbuz. Illi mill-esebiti stess u cioe’ tlitt pakketti ta’ karti tal-brim tas-sigarretti u siggarrett tal-brim uzat li fih insabu tracci ta’ THC, jirrizulta li l-appellant kien ipejjep il-cannabis. Illi l-piz tal-bicciet li fih inqasmet id-droga, hux bl-idejn jew le, jindikaw li din**

**kienet ghall-uzu personali tieghu, w dana peress li l-piz kien ivarja minn 21.151gr. ghal 23.455gr. ghal 28.612gr. ghal 33.34gr. u ghax il-pisijiet huma rregolari, dana jeskludi l-intenzjoni tal-ispacc. Fil-kamp tal-biegh tad-droga min qed ibiegh ma jbieghx bl-addocc izda joqghod attent li kull bicca li jbiegh tkun tikkorrispondi mall-valur effettiv taghha. B'dana kollu l-Ewwel Qorti interpretat din ic-cirkostanza bil-maqlub. Inolte l-Ewwel Qorti ma tatx piz sufficjenti ghan-nuqqas ta' cirkostanzi li setghu jevidenzjaw l-ispacc bhall-assenza ta' mizien, ismijiet, qratas, karti ta' djarji ecc. Illi l-ewwel Qorti skartat il-verzjoni tal-appellant ghall-fatt illi lill-Ispettur Sandro Zarb ma ssemma xejn fuq id-droga. Illi saret ukoll riferenza ghall-gurisprudenza citata fil-kors tat-trattatazzjoni orali w riportata fis-sentenza appellata izda l-Ewwel Qorti spustjat l-oneru tal-prova fuq l-appellant u fl-assenza ta' cirkostanzi li jsahhu t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-pussess kien wiehed aggravat, ghaddiet sabiex issib htija billi skartat il-verzjoni tal-appellant ghax kienet inkonsistenti. F' dawn ic-cirkostanzi l-Ewwel Qorti kellha ssib htija biss ta' pussess semplici w tinfliggi piena biss dwar din il-htija.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw primarjament l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul**

**mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94];** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."*** **(Ara wkoll** BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** “Ir-Republika ta’ Malta vs. Ivan Gatt**”, deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 inghad illi :-**

“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat,”

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta’ htija dwar pussess tar-raza tal-cannabis f’ cirkostanzi tali li juru li din id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Illi l-provi kontra l-appellant huma li waqt li ufficjali tal-Pulizija kienu qed jaghmlu tfittxija fil-fond 51, St. Francis Alley , Hal Qormi, fit-13 t’ Ottubru, 2002, huma sabu diversi bicciet tar-raza tal-cannabis fil-fond u sabu ukoll xi rizla tal-karti tal-brim tas-sigarretti , kif ukoll “joint” mibdi bi tracci tal-cannabis fuqu . Sussegwentement, fl-istess jum, fid-Depot waqt *strip search* fuq l-appellant instabu bicciet ohra tal-cannabis resin. Il-hames bicciet rezina tal-cannabis kienu tal-piz ta’ 2.855gr, 23.455gr.21.151gr. 28.612gr u 33.342gr, b’ total ta’ 109.451 grammi. L-appellant mall-ewwel accetta li dawn kienu kollha tieghu, pero’ qal li kien jikkonsmhom hu ghax hu vvizzjat bid-droga jpejjep regolarment . Mhux ghalhekk kontestat il-pussess semplici izda biss il-pussess aggravat .**

**Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta’ biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f’ dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-**

**uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz , tkun bizzejjed . (Ara App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio**" [26.8.1998]) . Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" **[2.9.1999].)**

**Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *"hard and fast rule*" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim .** "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" **[23.5.2002] )**

**Il-Prosekuzzjoni w l-Ewwel Qorti jsostnu li mill-fatt li d-droga nstabet maqsuma ( apparti l-bicca' z-zghira) b' erba bicciet li l-*average weight* taghhom kienet ta' 25 gramma il bicca , piz li ma jvarjax hafna mill-piz attwali taghhom , jista' jindika li dan kien ghax id-droga kienet intiza biex tigi spaccata. Id-difiza ghall-kuntrarju targumenta li bil-fatt li dawn l-erba bicciet mhumiex tal-istess piz , wiehed ghandu jifhem li ma kienux intizi ghall-ispacc ghax kieku wiehed kien jara li l-piz ikun kemm jista' jkun uniformi w mhux ivarja kif ivarja f' dal-kaz. Dan l-argument ghandu certa validita'.**

**Umbaghad hemm l-assenza kompleta ta' xi cirkostanza ohra bhal ma huma n-nuqqas ta' sejbien**

**ta’ xi mizien, ismijiet , numri tat-telefon , eccetra, li jistghu jindikaw kuntatti ma klienti tal-ispaccatur .**

**Id-difiza targumenta ukoll li fl-assenza ta’ xi prova mill-prosekuzzjoni , l-Ewwel Qorti ma setghetx issib htija biss ghax l-appellant fil-versjonijiet li ta kemm waqt li qed jirrilaxxja l-istqarrija tieghu , kif ukoll meta xehed kien inkonsistenti . Issa hu minnu li l-appellant ftit li xejn kien konsistenti u kredibbli fil-versjoni li ta dwar il-provenzjenza tad-droga u dwar kif id-droga giet biex inqasmet f’ bicciet. Dan ghaliex jaghti spjegazzjonijiet differenti kemm ta’ cirkostanza kemm tal-ohra. Id-difiza pero’ targumenta li dan wahdu ma jistax jirrendih hati tal-akkuza kif dedotta.**

**Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti fuq aggravju simili fl-Appell Kriminali “Il-**Pulizija vs. Brian Caruana**” fuq citat, *“din is-sottomissjoni kienet tkun sa certu punt fondata kieku l-Ewwel Qorti bbazat biss il-konsiderazzjonijiet taghha fuq l-inattendibilita’ tal-versjonijiet differenti w improbabbli moghtija mill-appellant. Imma “in all fairness” ghall-Ewwel Qorti , l-argument tal-inattendibilita’ ma ngabx fil-kuntest ta’ prova mill-Ewwel Qorti imma fil-kuntest li wassal lill-Qorti biex tiskarta d-diversi spjegazzjonijiet li ta ghall-akkwist tad-droga w dana b’ mod li giet imminata l-kredibilita’ tieghu meta sostna li d-droga kienet ghall-uzu tieghu . L-Ewwel Qorti ma qalitx li l-appellant hu hati ghax mhux qed temmnu . Qalet invece li hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghall-konkluzzjoni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w li c-cahda ta’ dan mill-appellant ma kienetx attendibbli w ergo ma kienetx qed tatiha l-piz li xtaq li tinghata l-appellant bhala prova. Dan hu argument divers minn dak kif interpretat mill-appellant fl-aggravji tieghu fir-rikors tal-appell. Anki hawn din il-Qorti ma ssib xejn x’ ticcensura fir-ragunament tal-Ewwel Qorti.”***

**Dan jidher li hu applikabbli anki ghal dan il-kaz, ghax l-Ewwel Qorti ma sabitx htija biss minnhabba din l-inkonsistenza , imma qieset diversi cirkostanzi ohra**

**bhal ma huma l-kwantita' tad-droga misjuba, il-mod kif kienet maqsuma, w l-fatt li l-appellant gie kontradett ukoll mill-Ispettur Sandro Gatt.**

**Din il-Qorti pero' xorta wahda , wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w fil-waqt li, bhall-Ewwel Qorti, ma thossx li ghandha taghti affidament lill-versjonijiet moghtija mill-appellant kemm dwar il-provenzjenza tad-droga kif ukoll il-mod kif giet biex inqasmet f' bicciet u min qasamha, mill-banda l-ohra ma thossx li semplicement biss mill-kwantita' elevata u esebita w kif id-droga instabet maqsuma, jista' jintqal bla ebda dubju ragonevoli li dan necessarjament jindika li d-droga misjuba kienet intiza ghall-ispaccar lil terzi. F' dan il-kaz din il-Qorti ghad ghandha dak il-**"*lurking doubt*" **li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant.**

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-appellant dwar li ma hemmx provi sufficjenti li jindikaw bla ebda dubju dettat mir-raguni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.

**Dwar il-piena, din ser tigi ridotta in vista ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti. Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**" fuq gja citata, *"Jibqa' pero' il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li , flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma haddiehor jew addirittura ibieghha lil terzi…..*" Ghalhekk dik il-Qorti kienet iddecidiet li kienet "*tal-fehma li f' da(k) il-kaz ghandu jkun hemm piena karcerarja b' effett immedjat".***

**Bhal fil-kaz ta' Muscat l-appellant ghandu kondotta refrattarja w jidher li l-mod kif gie trattat mill-Qrati f' okkazzjonijiet precedenti xejn ma jidher li ghin biex hu ma jkomplix jikser difrejh mall-ligi. Ghalhekk anki ghar-reat ta' pussess semplici jidher li ghandu jkun**

**hemm piena restrittiva tal-liberta' b'effett immedjat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w fejn ikkundannatu ghall-sitt xhur prigunerija w ghall-multa ta' mitejn lira Maltin pagabbli bil-mod indikat fl-istess sentenza w minnflok issibu mhux hati tal-akkuza kif dedotta imma hati biss ta' pussess semplici tal-istess droga mehuda mir-raza tal-cannabis u tikkundannah ghall-erba (4) xhur prigunerija w tikkonfermaha fil-kumplament kollhu taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------